MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 749/2000/1

**Anthony u Mary konjuġi Magri bħala kuraturi *ad litem* tal-minuri Donna Magri u b'digriet ta' l-1 ta' Marzu, 2005 l-atti ġew trasfużi f'isem Mary Magri u binha Elvin Magri *stante* l-mewt ta' Anthony Magri li miet fil-mori tal-kawża u b' digriet tas-16 ta' April, 2008 l-istess Donna Magri assumiet l-atti tal-kawza stante li saret maggorenni.**

**-vs-**

**Daniel Magri u b'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2005 l-atti ġew trasfużi f'isem Josephine Magri *stante* l-mewt ta' l-istess Daniel Magri, li miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta' April, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi bint l-atturi Donna Magri kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fit-23 ta' Ottubru, 1998 fi Triq l-Imdina, Ħal-Qormi, meta l-konvenut li kien qiegħed isuq vettura tal-kiri Opel AAD-678 tajjar lill-istess Donna Magri li dak il-ħin inzertat kienet qegħda taqsam it-triq;

Illi konsegwentement l-istess Donna Magri sofriet ġrieħi gravi u kienet ukoll, għal perjodu ta' żmien, fil-periklu li titlef ħajjitha;

Illi l-istess Donna Magri sofriet danni konsistenti f'disabbilta' permanenti kif iċċertifikatha l-Consultant Surgeon Mr. A. Zammit, M.D., F.A., fur Chirg. (Dok A);

Illi tali inċident awtomobilistiku ġara tort unikament tal-konvenut minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u kwindi huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-isess Donna Magri;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti minn Donna Magri in segwitu għall-inċident awtomobilistiku tat-23 ta' Ottubru, 1998 fi Triq Mdina, Ħal-Qormi għar-raġunijiet supremessi;

2. tikkundanna d-danni sofferti minn Donna Magri okkorrendo bl-opra ta' perit nominand;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-12 ta' Novembru, 1998 u ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' April, 2000, bl-imgħax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa, u l-lista tax-xhieda.
Rat illi l-attur miet fil-mori tal-kawża u l-atti ġew leġittimati billi saru f'isem martu u ibnu.

Rat illi anke l-konvenut miet fil-mori tal-kawża u għalhekk il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem martu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Magri, ppreżentata fis-26 ta' Jannar, 2006, li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili minħabba li sal-11 ta' Jannar, 2006, la d-*decuius* Daniel Magri u lanqas l-eċċipjenti ma kienu ġew notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni tal-kawża odjerna;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, Daniel Magri ma kellu l-ebda ħtija jew responsabbilta' għall-inċident li seħħ fit-23 ta' Ottubru, 1998, fi Triq l-Imdina, Ħal-Qormi illi fih l-attriċi Donna Magri allegatament sofriet xi disabbilta' permanenti, u dan kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi *inoltre*, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi Donna Magri ma sofriet l-ebda disabbilta' permanenti bħala konsegwenza ta' l-inċident *de quo*;

4. Illi jsegwi li ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attriċi, fil-konfront ta' l-eċċipjenti;

5. Illi jsegwi wkoll illi l-eċċipjenti ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ebda danni lill-attriċi;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2006 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport ta' l-inkjesta Maġisterjali in konnessjoni ma' l-inċident.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2008 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher din il-kawża ġiet provokata minn inċident stradali li ġara Ħal Qormi fit-23 ta' Ottubru, 1999 fejn bint l-attriċi ttajret minn vettura misjuqa mill-konvenut. Mart il-konvenut parti tagħha din qed teċċepixxi li l-inċident ma ġarax tort tal-mejjet żewġha.

Hawnhekk wieħed għandu jinnota li t-triq fejn ġara l-inċident hija triq passaġġa ħafna u jidher li f'dak il-ħin ta' filgħodu jkun hemm traffiku kunsiderevoli billi ħafna nies, bħal konvenut, ikunu sejrin għax-xogħol. Il-midruba dakinhar kellha disa' snin u għandu jingħad mill-ewwel illi żgur ma kinux prudenti l-ġenituri tagħha li ħallewha tmur tagħmel il-qadja li kellha tagħmel waħeda f'dak il-ħin. Madankollu dan waħdu ma jfisser xejn u l-Qorti trid tara jekk it-tort tas-sinistru huwiex attribwibbli għall-konvenut fis-sewqan tiegħu jew lill-istess minuri.

Hawnhekk naturalment għandu jingħad li s-sewwieq u l-*pedestrian* għandhom <u>it-tnejn li huma</u> r-responsabbilta' ta' l-attenzjoni meta jkunu fit-triq; "*Ma hemmx dubju li l-pedestrian jew foot passenger hu ntitolat għall-eżerċizzju ta' reasonable care mill-parti tad-drivers anke meta jinżel mill-bankina u jkun fil-carriageway, il-fatt għalhekk li l-pedestrian ikun fil-carriageway ma jeżonerax lid-driver mill-ħtija li jolqtu jekk id-driver ma jkunx eserċita reasonable care.*" (<u>Anthony Galea vs Domenic Zammit</u> – Prim'Awla – 30 ta' Mejju, 2001). Barra minn dan "*Il-każ li fih id-driver jista' jkun eżentat mir-responsabbilta' hu dak biss li fih il-pedestrian b'xi att inaspettat jew subitanju jew xort'ohra b'xi għemil tiegħu jkun qiegħed id-driver f'pożizzjoni li anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*" (<u>Appell Kriminali Pulizija vs C. Mifsud</u>, Vol. 38, paġna 859).

Fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXV part 4, paġna 1157 ġiet ċitata l-**Higħway Code**;

"*Before crossing the road look right and left and satisfy yourself that it is safe to cross. Look out for approaching traffic and take its speed into account. Do not make a sudden dash into the carriageway.*" F'sentenza oħra (Vol. XXIX – pt 4, paġna 1031) intqal illi "*Il-pedestrian għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qiegħed ruħu f'pożizzjoni fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qed isuq il-karozza b'mod regolari isib ruħu f'pożizzjni ta' emerġenza subitanja minħabba fih, dak id-driver m'għandux ikun ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-kontinġenza.*" Fi kliem ieħor ma hemmx presunzjoni li l-pedestrian għandu dejjem raġun. "*Imma hu ma għandux jitqies bħala estruż. Hu għandu juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti l-oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emerġenza.* (Appell Ċivili - Bongailas vs Mercieca – 20 ta' Jannar, 1970).

Il-Qorti tħoss li l-aħjar prova fir-rigward ta' kif ġara l-inċident tinsab fil-provi miġbura mill-espert tat-traffiku dakinhar ta' l-inċident. Sfortunatament il-konvenut proprju laħaq miet ta' eta' żgħira qabel ma nstemgħu l-provi u għalhekk ma xehedx quddiemha. Barra minn hekk dak il-ħin ix-xhieda jkunu għadhom kif raw l-inċident u ma jkun hemm ħadd li jista' jipperswadihom jgħidu mod ieħor, kif spiss jiġri. Ludovico Agius illi ra l-inċident mill-ewwel qal li kien hemm karozza tal-linja li waqfet biex it-tifla setgħet taqsam it-triq; din qasmet tiġri u l-konvenut li kien qed isuq fl-istess direzzjoni baqa' għaddej u tajjarha. Skond Agius tajjarha b'xi għoxrin metru u hu ħasibha mietet. Il-konvenut ma kienx ċert jekk il-karozza tal-linja waqfitx, iżda hemm indikazzjoni li fil-fatt hekk ġara, anke mid-deposizzjoni tiegħu. Għalhekk il-Qorti hija konvinta li hekk ġara – anke l-istess konvenut jgħid illi lil tal-linja *qalgħu minn gewwa* u għalhekk ladarba ssorpassah u l-probabbilta' hija li s-sewwieq l-ieħor kien wieqaf.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta hemm ħafna enfasi fuq il-fatt li t-tifla qasmet tiġri iżda huwa normali li *pedestrian* jaqsam jiġri jekk sewwieq jieqaflu biex jaqsam u għalhekk minn dan il-*punto di visto* wieħed ma jistax jibbjasima lill-minuri. *Ex admissis* il-konvenut ma rax it-tifla qabel ma raha fuq il-*bonnet* u qal li hija taret minn fuq il-*bonnet* proprju għaliex hu għafas il-*brake* dak il-ħin. Din hija verżjoni li wieħed jista’ jemmen iżda dan żgur ifisser li huwa ma tax każ li l-vettura ta’ ħdejh waqfet u baqa’ għaddej u anke b’veloċita’ skonsiljabbli għal dak il-lok għaliex il-*brake* li żamm ħasad daqstant il-vettura li tajjar lit-tifla għal għoxrin metru.

Il-Qorti pero’ tirriskontra porzjon ħtija da parti tat-tifla għaliex għalkemm hija qasmet it-triq peress illi kellha sinjal biex tagħmel dan, persuna li taqsam triq daqshekk traffikuża għandha xorta waħda tagħti attenzjoni għall-vetturi li jistgħu jissorpassaw lil dik il-vettura li tkun waqfitilhom meta jkun hemm spazju biex dan isir. Naturalment kien ikun differenti kieku biex issorpassa l-konvenut kellu jdur mal-vettura ta’ quddiemu. Kollox ma’ kollox pero’ l-Qorti tħoss li s-sewwieq kellu dover ikbar fiċ-ċirkostanzi għaliex sewwieq jista’ jikkawża ħsara kbira bil-vettura li jkollu f’idejh. Għalhekk issib li l-konvenut huwa responsabbli kwantu għal żewġ terzi u l-minuri għal terz, għall-akkadut.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi dwar l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli kwantu għal żewġ terzi għall-inċident imsemmi. L-ispejjeż ta’ din l-istanza jkunu żewġ terzi għall-konvenut u terz għall-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------